Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri).

Imhallef Anthony Ellul

Appell: 95/2013AE

**Diane Falzon**

**Vs**

**Alan Calleja**

L-Erbgha, 14 ta' Ottubru, 2015.

Din is-sentenza titratta appell mill-kap tal-ispejjez tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Gunju 2015, fejn il-qorti ordnat li l-ispejjez tal-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

L-attrici harrket lill-konvenut sabiex jatiha lura mobbli li qalet li huma proprjeta taghha u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' €8,586.51. Jirrizulta li fil-mori tal-kawza l-kontendenti lehqu ftehim. Fil-fatt fis-seduta tat-20 ta' Jannar 2014 il-qorti kienet giet infurmata li wara li l-attrici tiehu l-pussess tal-ghamara, il-meritu kien ser ikun ezawrit u jibqa' biss il-kwistjoni tal-kap tal-ispejjez. Sussegwentement waqt is-seduta tad-9 ta' Gunju 2014 il-qorti kienet infurmata li fis-17 ta' Frar 2014 l-attrici hadet l-ghamara.

Il-konvenut iddefenda ruhu billi qal li:

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.
2. Il-mobbli oggett tal-kawza, l-attrici ghaddiethom minn jeddha lill-konvenut fl-appartament tieghu meta kienu jghixu flimkien, u minn jeddha halliethom warajha meta ddecidiet li titlaq.
3. Bl-imsemmija mobbli l-attrici bidlet minn jeddha mobbli ohra li l-konvenut kellu fl-appartament u li baqghet ma rritornatx.
4. L-ammont mitlub mill-attrici bi hlas tal-immobbli mhux dovut u/jew mhux dovut kollu.

L-aggravju tal-attrici hu li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti meta kkonkludiet li l-ispejjez ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet, u dan in kwantu l-kawza kellha tigi proposta minhabba nkejja min-naha tal-appellat.

Il-qorti rat it-twegiba tal-konvenut, illum konvenut.

Wara li l-qorti rat l-atti tosserva:-

i. Qabel l-attrici pproponiet il-kawza interpellat lill-konvenut sabiex jirritorna l-ghamara li kellu fil-pussess tieghu. F'dan ir-rigward ntbaghatet ittri legali datati 4 ta' Dicembru 2012 (fol. 34). Peress li l-ghamara ma nghatatx lura, fl-10 ta' April 2013 l-attrici pproponiet din il-kawza. Ghalhekk il-qorti m'hijiex tal-fehma li l-attrici pproponiet il-kawza b'kapricc. L-argument tal-konvenut li l-attrici pproponiet il-kawza *"[…] b'abbuz tad-dritt procedurali, biex tiffriza l-flus tal-esponent u zzommlu l-paga ghal xhur twal b'mandat ta' sekwestru"*, m'huwiex fondat. Li kieku hu rritorna l-ghamara meta ntalab l-attrici ma kinitx tirrikorri ghall-proceduri gudizzjarji. Fil-fehma tal-qorti l-konvenut qatt ma kellu jhallat din il-kwistjoni mal-affarijiet relatati mat-tifel li kellhom il-kontendenti.

ii. L-ghamara nxtrat mill-attrici sabiex tintuza fil-fond tal-konvenut, fejn l-attrici marret tghix minhabba r-relazzjoni li kellha mal-konvenut. Meta spiccat ir-relazzjoni u ma baqghetx tghix fil-fond kellha jedd li titlob lura l-ghamara. 'Il fatt li ma haditx l-ghamara dakinhar li harget mill-fond ma jfissirx li ma kellhiex interess li tehodhom jew li tilfet xi jedd milli titlobha lura.

iii. Fil-kmamar fejn tpoggiet l-ghamara li xtrat l-attrici, il-konvenut kellu ghamara ohra. 'Il fatt li din tnehhiet minn postha biex tpoggiet l-ghamara tal-attrici, ma kien ser ikollu l-ebda effett fuq l-ezitu tal-kawza gialadarba l-konvenut kien accetta li jnehhi l-ghamara tieghu. B'daqshekk ma jfissirx li l-konvenut akkwista xi dritt fuq l-ghamara tal-attrici jew li assumiet xi obbligu fil-konfront tal-tieghu. Il-qorti ma taqbel xejn mar-ragunament tal-konvenut li: *"Jiena ghidtilha tirrimpjazza dak li kelli, u tiehu l-ghamara bla problem ta' xejn"* (fol. 40). Wara li l-attrici ma baqghet tabita mal-konvenuta, ma kellha l-ebda obbligu li taghti xi ghamara ohra bhal dik li l-konvenut **liberament nehha** minn hwejgu biex iddahhlet l-ghamara tal-attrici.

iv. Ghal dak li jirrigwarda l-parquet, wara li twahhal fil-fond sar parti mill-fond (ara Artikolu 308(f) tal-Kodici Civili). Il-qorti m'ghandhiex dubju li meta twahhal il-parquet il-hsieb kien li l-istess isir parti mill-fond proprjeta tal-konvenut. Fil-fatt eventwalment il-konvenut spicca biex hallas somma flus lill-attrici sabiex ma jinqalax il-parquet. Ghalhekk it-talba sabiex il-konvenut jigi kkundannat jirritorna lill-attrici l-parquet taz-zewgt ikmamar kien ghal kollox barra minn loku.

v. Ghalkemm l-attrici qalet li xtrat l-ghamara ghall-prezz ta' €5,955, ma pprezentatx kont u ricevuta tal-hlas. Madankollu jidher li l-ewwel qorti accettat li dak kien il-prezz li hallset.

vi. Skond l-Artikolu 223(1) tal-Kap. 12: *"Kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez"*. F'dan il-kaz ma kienx hemm tellief ghaliex il-meritu gie ezawrit bi ftehim. Imbaghad l-Artikolu 223(3) jipprovdi: *"Fil-kazijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha, meta kull wahda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwistjonijiet difficli tal-ligi, inkella ghal xi raguni tajba ohra"*. F'kazijiet simili fejn il-meritu jkun gie ezawrit il-qorti tgawdi minn diskrezzjoni meta tiddeciedi biss dwar il-kap tal-ispejjez. Fil-parti dispozittiva tas-sentenza l-qorti qalet biss: *"il-Qorti tordna lill-kontendenti jhallsu nofs kull wiehed tal-ispejjez ta' dawn il-proceduri"*.

F'dan il-kaz hu evidenti li fid-decizjoni l-qorti kkunsidrat:-

i. L-atteggjament pikuz taz-zewg partijiet, fattur li baqa' jimmanifesta ruhu f'dan l-istadju. L-ewwel qorti kellha l-opportunita li tosserva l-agir tal-partijiet waqt l-iter tal-process. Il-qorti hi tal-fehma li mill-atti jidher li meta fil-mori tal-kawza meta kien ghadhom ma nstemghux il-provi, il-konvenut accetta li jaghti lura l-ghamara, l-attrici ma hatfitx l-opportunita biex tiehu hwejjigha fil-pront.
ii. Il-valur dikjarat fir-rikors promotur kien jaqbez bis-somma ta' €1,000 il-valur tal-mobbli li l-attrici talbet lura. Ghalkemm fl-appell l-attrici qalet li l-valur tal-ghamara kien fil-fatt €8,586.51, hi stess qalet li kienet tiswa €5,955 (fol. 30). L-oneru kien fuq l-attrici li tressaq prova li l-mobbli oggett tal-kawza kienet xtrathom ghal dak il-prezz.

Fic-cirkostanzi l-qorti m'hijiex tal-fehma li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni li ezercitat l-ewwel qorti dwar il-kap tal-ispejjez.

Fir-rigward proposta tal-konvenut li l-qorti tapplika fil-konfront tal-attrici dak li jipprovdi l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12, din hi fid-diskrezzjoni tal-qorti. Il-qorti taghzel li ma tiehux provvediment simili kontra l-attrici.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-appell billi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti Diane Falzon.**

Anthony Ellul.